MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 669/2006

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**Francis Caruana, fil-kummerc, bin Anthony Caruana u Catherine nee` Agius, inwieled Zejtun u joqghod il-Qawra, limiti ta` San Pawl il-Bahar, Anna Caruana, bint il-mejtin Emanuel Rapa u Imelda nee` Curmi, imwielda il-Belt Valletta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Permezz ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu datat 4 ta` Mejju, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar (Dokument HSBC1) rez ezekuttiv permezz ta` ittra ufficcjali datata 27 ta` Marzu, 2001 (Dokument HSBC2) is-

socjeta` esponenti giet konfermata kreditrici tal-intimati fis-somma ta` tnejn u hamsin elf, mitejn u erbgha liri maltin u sitta u tletin centezmu (Lm52,204.36) oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) per annum ikkalkolati mit-22 ta` Marzu, 2000, sal-gurnata tal-pagament effettiv ara prospett Dokument HSBC3.

Ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta ‘l fuq imsemmija sentenza bhala titolu ezekuttiv seta` tigi ezegwita.

Is-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi l-istess sentenza ghandha terga` tigi reza ezegwibbli u inforzabbli sabiex tkun tista` tezegwixxi ghall-hlas tal-kreditu taghha hawn fuq imsemmi.

Ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 258 tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta).

Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti li ai termini tal-Artikolu 258 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra l-intimati u b`hekk l-istess kuntratt jerga` ssir titolu ezekuttiv skond il-ligi u tkun tista` tigi ezegwita kontra d-debituri Francis Caruana u martu Anna Caruana, salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti toghgobha taghti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati il-konvenuti ma pprezentaw ebda risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Ikkunsidrat illi skond id-dokumenti u xhieda prodotti d-dejn ghadu dovut.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talba u tordna li jigu ravvivati d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti b`hekk illi l-kuntratt tal-4

ta` Mejju, 2000 jerga` jsir titolu ezekuttiv kontra l-intimati Francis Caruana u martu Anna Caruana.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------